# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 4**

**Ċitazzjoni numru 505/15/1 MCH**

**Dr. Vito Domenico Benvenga**

**v.**

**Direttur Ġenerali *Veterinary And Phytosanitary Regulation Department*; Ministru Għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil Fil-Klima**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fis-26 ta' Mejju, 2015 li jaqra hekk:

*"Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:-*

*1. Illi b'effett mis-6 ta' Marzu 2006 sas-6 ta' Marzu 2011 r-rikorrenti kien impjegat mal-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bhala Official Veterinarian in Scale 5 u dan skont kuntratt datat 9 ta' Marzu 2006,kopja tieghu hawn anness u mmarkat **"Dok. VB1"**, liema kuntratt ma giex imgedded u konsegwentement l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat;*

*2. Illi konsegwentement ir-rikorrenti kien fetah proceduri fil-konfront tad-Direttur Generali (Veterinary and Animal Welfare) quddiem it-Tribunal Industrijali ghar-ri-inseriment fl-impjieg in kwantu skond il-ligi l-kuntratt tieghu kellu jigi kkonvertit f' wiehed indefinit;*

*3. Illi bid-decizjoni tieghu tat-22 ta' Novembru, 2011 it-Tribunal Industrijali laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ordna r-ri-inseriment,k wara li ppremetta li "Claimant's employment has been automatically converted into an employment for an indefinite term withb effect from the 9th of March 2010";*

*4. Illi d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Sajd appella dik id-decizjoni izda l-istess appell tieghu ma giex ezawdit, kif manifest bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) profferita fid-29 ta' Novembru, 2012 (kopja annessa u mmarkata **"Dok VB2"**);*

*5. Illi r-rikorrenti gie effettivament ri-inserit fl-impjieg fuq bażi indefinita mal-Veterinary and Phytonsanitary Regulation Department, izda bin-nomenklatura ta' "Officer in Scale 5" u mhux bhala "Official Veterinarian in Scale 5" kif hekk kienet il-kariga tieghu qabel it-terminazzjoni illecita da parti tal-intimat. Illi b'dan l-agir d-Direttorat sahansitra injora r-rakkomandazzjoni tal-Public Service Commission li r-rikorrenti "be re-employed as a Veterinary Officer in Scale 5" (ara d-dokument anness u mmarkat **"Dok VB3"**);*

*6. Illi b'din in-nomenklatura ("Officer in Scale 5") r-rikorrenti lanqas biss ghadu ufficjalment maghdud bhala veterinarju, kif hekk minn dejjem kien, izda semplici ufficjal fis-servizz pubbliku, u dan bi pregudizzju serju ghall-jeddijiet legittimi tieghu;*

*7. Illi wkoll skond il-Ftehim tal-1 ta' Marzu 2013 bejn il-Gvern u l-Unions relattiv ghall-"Veterinary and Veterinary Support Class" hemm stabbilit bl-aktar mod ċar illi Skala 5 hi abbinata ma' Principal Veterinary Officer (para 4.1 tal-Ftheim anness u mmarkat **"Dok.VB4"**);*

*8. Illi fil-kuntest r-rikorrenti intavola protest gudizzjarju fil-konfront tad-Direttur Generali (Veterinary and Animal Welfare), izda, cionostante, l-istess Direttur Generali baqa' passiv, u addirittura ghazel li ma jwegibx (ara kopja tal-protest anness u mmarkat **"Dok.VB5"**;*

*9. Illi recentement saret sejha pubblika ghal "Post of Principal Veterinary Officer in the Veterinary and Phytosanitary Department", dwar liema r-rikorrenti intavola Mandat ta' Inibizzjoni Numru*

*593/2015/JZM, bl-ezitu favorevoli ghall-istess rikorrenti, kif definit minn din il-Qorti bil-provvediment taghha tal-14 ta' Mejju, 2015 (kopja legali tal-provvediment relattiv anness u mmarkat **"Dok. VB6"**);*

*10. Illi r-rikorrenti, bil-fatt li hu jinsab fi Skala 5, n-nomenklatura tieghu ghat-tutela tal-professjonalita' tieghu, u skond il-haqq, ghandha awtomatikament tkun dik ta' Principal Veterinary Officer, u dan fit-termini u l-logika tal-Ftehim ghal liema sar aċċenn aktar il-fuq;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex dina l-Qorti:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ghandu dritt, skond l-iskala 5 li fiha jinsab, jigi klassifikat u inserit fil-kariga ta' Principal Veterinary Officer;*

*2. Konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa ghaldaqshekk, jimmodifikaw l-kariga attwali tar-rikorrenti minn dik ta' sempliċ* "Officer in Scale 5" ghal dik ta' Principal Veterinary Officer.

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju Numru 413/2014 datat 20 ta' Settembru, 2014, kontra l-istess intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni".*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew:

*"1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċepixxu li l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 181B(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll l-esponenti jeċepixxu illi din l-azzjoni hija improponibbli stante illi dak mitlub imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni;*

*3. Illi fil-mertu l-esponenti jeċepixxu illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi din il-Qorti qatt ma tista' tilqa' t-talba kif proposta fil-kawża odjerna stante illi ħatriet u promozzjonijiet jistgħu jingħataw biss mill-Prim Ministru fuq rakomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan skont kif jirriżulta mill-Kostituzzjoni;*

*5. Illi r-rikorrent la għandu dritt illi jiġi klassifkat u inserit fil-kariga ta' Principal Veterinary Officer u lanqas biss huwa eliġibbli sabiex japplika għal tali grad u dan kif ser jiġi spjegat waqt it-trattazjoni ta' din il-kawża;*

*6. Illi l-fatt li r-rikorrent għandu salarju fi skal ħamsa- li hija l-istess skala abbinata mal-kariga ta' Principal Veterinary Officer- ma jfissirx illi hu awtomatikament intitolat għall-grad ta' Principal Veterinary Officer;*

*7. Illi l-kariga ta' Principal Veterinary Officer hija kariga assoċjata mal-veterinary stream, liema stream ir-rikorrent ma jiffurmax parti minnha;*

*8. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-ħatra fi grad fil-veterinary stream bħal ma hi dik ta' Principal Veterinary Officer issir biss wara process ta' għażla u wara ħruġ ta' sejħa għall-applikazzjonijiet u dan skont il-collective agreement relattiv;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*10. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent".*

3. Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

*"tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari u tiddikjara li l-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima mhuwiex legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B (1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; u tilqa' wkoll it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati in kwantu tichad l-azzjoni peress li tmur kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni f'dak li huma hatriet jinghataw biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża".*

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"It-talba rikorrenti hija wahda intiza sabiex ir-rikorrent jigi kklassifikat u inserit fil-kariga ta' Principal Veterinary Officer u mhux jibqa' ufficcjal fi skala 5. Huwa jishaq li ghalkemm huwa gie ri-inserit fl-impieg mal-Gvern fuq bazi indefinita u dan wara sentenza tal-Qorti taI-Appell (Inferjuri) tad-29 ta' Novembru, 2012, li kkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, izda dan sar bin-nomenklatura "Officer in Scale 5"*

*u mhux bhala "Official Veterinarian in Scale 5", hekk kif kienet il-kariga tieghu qabel it-terminazzjoni illecita da parti tal-intimati. Konsegwentement r-rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti tordna lill-intimati jimmodifikaw il-kariga attwali tar-rikorrent minn dik ta' "Officer in Scale 5" ghal dik ta' "Principal Veterinary Officer".*

*Da parti taI-intimati qeghdin jilqghu ghat-talbiet tar-rikorrenti billi fost eccezzjonijiet ohra fil-mertu, iressqu dawk preliminari Ii jikkonsistu fis-segwenti: (i) Ii I-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, I-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhuwiex il-Iegittimu kontradittur u dan skond I-artikolu 181B (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) Ii I-azzjoni odjerna hija improponibbli peress Ii tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u (iii) Ii t-talba kif proposta ma tistax tintlaqa' mill-Qorti peress Ii hatriet u promozzjonijiet jistghu jinghataw biss mill-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-prowedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*In kwantu ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, fejn huwa sostnut illi l-Ministru intimat mhuwiex il-Iegittimu kontradittur a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad mal-ewwel Ii din il-Qorti tqis Ii din I-eccezzjoni ghandha mis-sewwa meta wiehed iqis kemm il-provvediment innifsu, kif ukoll il-gurisprudenza in materja. L-imsemmi artikolu tal-Kap. 12 jiddisponi Ii:*

> *"1181B. (1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fI-atti u fI-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern Ii jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".*

*Ghalkemm huwa minnu Ii s-sejha ghall-post ta' Principal Veterinary Officer saret da parti tal-Ministeru intimat, jirrizulta Ii din il-kariga kienet intiza fi hdan il-Veterinary and Phytosanitary Regulation Department u mhux direttament mal-Ministeru, hekk kif jistqarr I-istess rikorrent fir-rikors promotur tieghu u kif wara kollox jirrizuta wkoll minn "Dok. VB8" esebit minnu a fol. 86 tal-process. Fil-kaz odjern, huwa car u inekwivoku illi gialadarba I-Gvern huwa debitament rapprezentat fil-kawza mill-Kap tad-Dipartiment involut fil-kwistjoni u ghalhekk id-Dipartiment kompetenti huwa parti fil-kawza, a tenur tal-istess artikolu, il-Ministru intimat mhuwiex il-Iegittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. Dan qieghed jinghad ukoll fuq I-iskorta ta' gurisprudenza estensiva f'dan ir-rigward.*

*Fis-sentenza tal-Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-16 ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet* ***Paul Fenech et vs Kummissarju tal-Arijiet et****, fejn fiha saret referenza ghal sentenza ohra tal-31 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet* ***Simon Caruana vs Onor. Prim Ministru****, li ezaminat bir-reqqa d-disposizzjoni tal-ligi partikolari meta nghad:*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser Ii I-Iegislatur ried Ii f'kull kaz Ii fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax,*

*sussidjarjament fil-persuna ta' l-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.*

*Dan l-istess principju kien ritenut ukoll fis-sentenza Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-30 ta'Novembru, 2006, fl-ismijiet **Maria Muscat et vs Benny Dingli et**. Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta), tal-11 ta' Marzu, 2009, fl-ismijiet **Angelo Borg et vs Direttur Generali tax-Xogholijiet et**, il-Qorti laqghet eccezzjoni simili u qalet hekk:*

> *"Fir-rigward tal-Ministru mbaghad ma hemmx dubju li ma kellux ghalfejn jigi citat ladarba li l-ligi tispecifika li ghandu jigi citat il-Kap tad-Dipartiment koncernat. Madanakollu mill-aspett purament legali l-eccezzjoni hija fondata u se tigi milqugha".*

*Ghalhekk, isegwi li t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-Ministru ghall-Izvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima bhala intimat ma tistax tintlaqa' u b'hekk ser tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-intimati fis-sens li l-Ministru intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*In kwantu ghat-tieni u r-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati fejn huma jikkontendu li l-azzjoni odjerna hija improponibbli peress li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni; u li t-talba kif proposta ma tistax tintlaqa' mill-Qorti peress li hatriet u promozzjonijiet jistghu jinghataw biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta; mill-provi mressqa u permezz tan-nota taghhom, l-intimati jispjegaw li huma jsejsu dawn iz-zewg eccezzjonijiet a bazi tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet sejrin jigu trattati flimkien.*

*Jigi osservat li l-azzjoni tar-rikorrenti hi wahda fejn qieghed jintalab li tigi modifikata l-kariga attwali tar-rikorrent li minn ufficjal fi skala 5, minflok jinhatar bhala Principal Veterinary Officer, u mhix wahda li tittanta tattakka l-validita tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, peress li din tal-ahhar mhix parti citata fil-kawza u ghalhekk huwa ritenut li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu taht id-dispost tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, li ghalih jaghmlu referenza l-intimati fin-nota taghhom.*

*Ir-rikorrent permezz tal-affidavit tieghu jishaq illi huwa kien originarjament impjegat permezz ta' kuntratt definit bhala "Official Veterinarian in Scale 5", u li wara ezami tal-ilment tieghu, li sar mit-Tribunal Industrijali u sussegwentement mill-Qorti tal-Appell, gew applikati r-regolamenti tal-Avviz Legali 51 tal-2007, li kienu estizi ghall-impjegati mal-Gvern permezz tal-Avviz Legali 157 tal-2007. Kien ghalhekk deciz li peress li r-rikorrent kien impjegat fis-settur pubbliku ghal perjodu li ecceda l-erba' snin, il-kuntratt tieghu kien jisthoqq li jigi kkunsidrat bhala wiehed indefinit u ghalhekk it-terminazzjoni tal-impieg*

*da parti tal-intimati ma kienx wiehed gustifikat u ghalhekk ukoll kien ordnat li r-rikorrent kellu jigi ri-integrat fl-impieg tieghu qabel ma dan kien terminat. Ir-rikorrent jghid li meta l-inti mati rrintegrawh bhala ufficjal fi skala numru 5, dan ma sarx skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell peress li kellu jkun ri-integrat bhala "Official Veterinarian in Scale 5" li huwa ekwivalenti ghal "Principal Veterinary Officer in Scale 5" u mhux semplicement "Officer in scale 5".*

*Dr. Benvenga jghid li hu m'ghandux ghalfejn japplika ghal posizzjoni biex jiehu l-kariga ta' "Principal Veterinary Officer in Scale 5" izda qieghed jippretendi li jinghata dikjarazzjoni li l-posizzjoni tieghu ta' ufficjal fi Skala 5 hija ekwivalenti ghal dak li jistipula il-ftehim kollettiv tal-veterinarji u li l-intimati ghandhom jigu ordnati li sabiex jibdew iqisuh u jsejhulu bhala Principal Veterinary Officer. Permezz tat-tieni affidavit huwa jsostni li mhux qieghed jippretendi li l-intimati jiksru d-disposizzjoni tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, izda li meta huwa gie ri-integrat dan ma sarx skond kif ordnat mill-Qorti u li peress li ma dahalx fil-klassi tal-veterinarji, huwa mhux qieghed jinghata certu beneficcji li ghalihom huma ntitolati l-veterinarji permezz tal-ftehim settorali.*

*Min-naha l-ohra, l-intimati permezz tax-xhieda mressqa minnhom, kemm mill-affidavits ta' Josephine Mifsud Micallef u ta' Dennis Buttigieg, kif ukoll permezz tax-xhieda moghtija minnhom in kontroezami, konsistentement jishqu li hatriet fis-servizz pubbliku jsiru biss fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan kif jipprovdi l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Jghidu wkoll li l-kariga ta' Principal Veterinary Officer tintela' wara process ta' ghazla minn ufficjali li jokkupaw il-kariga ta' Senior Veterinary Officer jew fuq rakkomandazzjoni diretta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, minn fost ufficjali li jifformaw parti mill-klassi tal-veterinarji. Ghall-intimati r-rikorrent Dr. Benvenga huwa veterinarju li ma jifformax parti mill-istream ta' veterinarji u li ghalih ma japplikawx il-provvedimenti ta' dak il-ftehim settorali.*

*L-intimati jispjegaw illi minhabba n-nuqqas ta' veterinarji fil-pajjiz, il-Gvern kien offra kuntratti attraenti ta' zmien definit, bil-paga ekwivalenti ta' dawk l-ufficjali fl-iskala 5, izda r-rikorrent ma ghaddiex minn process ta' ghazla u ghalhekk ma jistax jitqies li r-rikorrent ghandu bi dritt jokkupa l-grad ta' Principal Veterinary Officer. Jghidu wkoll li huwa possibbli ghar-rikorrent li filwaqt li jzomm l-iskala li ghandu ta' ufficjal fi skala 5, kontemporanjament jinghaqad mal-istream tal-veterinarji billi japplika ghal kariga fi grad inqas u jitla' bil-mod ii-mod, sabiex b'hekk ikollu grad sostantiv fl-istream tal-veterinarji. Huma jishqu li sabiex ir-rikorrent ikun Principal Veterinary Officer dan jinvolvi hatra gdida hekk kif jirrizulta mill-ftehim kollettiv relattiv, li hu differenti minn dik li ghandu r-rikorrent fil-prezent. Jirrizulta li r-rikorrent meta kien ri-integrat fis-servizz pubbliku, permezz ta' kuntratt indefinit, huwa kompla jaghmel xoghol ta' veterinarju u kien assimilat fl-iskala 5 sabiex ikollu l-paga garantita skond din l-iskala u fil-fatt ir-rikorrent dahal fuq l-oghla skaluna*

*ta' l-iskala numru 5, mentri Principal Veterinary Officer jibda mill-iskaluna aktar baxxa tal-iskala 5 u jitla' bil-mod il-mod.*

*Peress li r-rikorrent ma kienx ingaggat b'mod indefinit skond il-parametri tal-ftehim settorali, sabiex huwa jidhol fl-istream tal-veterinarji u japplikaw ghalih il-gradi li jipprovdi l-ftehim tal-klassi veterinarja, jehtieg li japplika ghal sejha, jigi maghzul u mahtur, kif jipprovdi l-istess ftehim.*

*Da parti tieghu r-rikorrent jsostni li kieku kellu jzomm l-iskala 5 filwaqt li jinghaqad mal-klassi veterinarja sabiex bil-mod jilhaq Principal Veterinary Officer dan ikun degradanti ghall-professjonalita tieghu, peress li fil-fehma tieghu dan jinvolvi xoghol ta' livell inferjuri ghal dak li jaghmel u li b'hekk ikun suggett ghal supervizjoni u direzzjoni da parti ta' nies li ghandhom skala bhalu jew inqas minnu. Huwa jghid ukoll li diga jwettaq xi whud mill-mansjonijiet li hemm elenkati f' "Dok. VB8", li ghandhom jitwettqu minn Principal Veterinary Officer. Jinsisti li mhux qieghed ifittex short-cut jew li l-provveddimenti tal-Kostituzzjoni jigu mwarrba ghall-beneficcju tieghu, izda li jinghata lilu dak li huwa jghid huwa dritt tieghu bis-sahha ta' dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell.*

*Rilevanti hija x-xhieda ta' Dennis Buttigieg in kontro-ezami ghat-tieni darba meta jispjega li kien hemm ufficjali ohrajn bhar-rikorrent li kellhom kuntratt definit li nqaleb ghal wiehed indefinit saru ufficjali fi skala, skond il-paga li kellhom u li kienu barra l-iskema tal-klassi veterinarja (bhar-rikorrent), izda filwaqt li zammew is-salarju abbinat mal-iskala 5, applikaw ghal grad sostantiv ta' Veterinary Officer fi skala 8 (li huwa inqas) sabiex b'hekk jibdew telghin bil-mod ghall-fini tal-grad sostantiv, kif jipprovdi l-ftehim tal-klassi taghhom. Hekk ukoll fil-kaz tar-rikorrent kien jehtieg li japplika biex jidhol fil-grad sostantiv 8 bhala Veterinary Officer sabiex jibda tiela u jista' eventwalment ikun intitolat ukoll ghan-nomenklatura ta' Principal Veterinary Officer fi skala 5. Ghalkemm ir-rikorrent ma jircevix il-beneficcji naxxenti mil-ftehim tal-klassi veterinarja, huwa jircievi expatriate allowance hekk kif kien intitlolat bhala veterinarju barrani taht il-kuntratt precedenti (dak definit), li l-veterinarji l-ohra ma jircevuhiex.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwezit li jrid jigi determinat, kunsidrat it-taiba rikorrenti u l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati in ezami, in vista tal-provi saljenti hawn elenkati, huwa jekk l-inti mati rrispettawx fis-shih id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hekk kif konfermata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru, 2012 meta nqeleb il-kuntratt definit tar-rikorrent ghal wiehed indefinit. Il-Qorti tal-Appell permezz tal-imsemmija sentenza, kkonfermat fis-shih id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali li permezz taghha kien dikjarat illi:*

> *"Therefore, after seeing all the acts of this case, this Tribunal declares that Respondent was not compliant with the applicable Maltese law, and as a legal consequence Claimant's employment has been automatically converted into an employment for an indefinite term, with effect from the*

> *9th of March 2010. Furthermore, the termination of Claimant's employment was consequently not for a justifiable reason at law. Therefore, this Tribunal orders that Claimant shall be reinstated into his employment prior to its termination within twenty (20) days from today. Furthermore, whilst Claimant is not entitled to any remuneration for the period he has been out of employment, he is entitled to be compensated by Respondent, which compensation is hereby being fixed in the amount of eight thousand Euros (€8,000.00), which has to be paid to Claimant within forty days from today".*

*Minn ezami ta' dik is-sentenza, jirrizulta Ii I-pern tal-kwistjoni kienet dwar in-nuqqas ta' gustifikazzjoni fl-agir tad-Direttur intimat Ii ttermina I-impieg tar-rikorrent fuq bazi ta' kuntratt definit, Ii bis-sahha tal-ligi sar wiehed indefinit. Ghalhekk I-intimat kien ordnat Ii r-rikorrent ikun ri-integrat fl-impieg tieghu. Mill-provi jirrizulta Ii r-rikorrent kien effettivament impjegat fuq bazi ta' Ufficjal Veterinarju u Ii apparti s-salarju baziku kien intitolat ukoll ghal Expatriate Allowance, hekk kif jirrizulta minn "Dok. VB1" esebit a fol. 4 tal-process. Mill-provi jirrizulta Ii fdan il-kaz, iI-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru, 2012, irrakkomandat Ii r-rikorrent "be re-employed as Officer in Scale 5 in terms of SL 425.81 and that his previous service with the Public Service as expatriate veterinarian shall be reckonable". Din ir-rakkomandazzjoni kienet kontro-firmata mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, fid-19 ta' Novembru, 2012, u dan kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-intimati bhala Dok. DB1 a fol. 51 tal-process. Wara I-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent kien inhatar bhala Officer in Scale 5 ghal perjodu indefinit, skond I-ittra datata 3 ta' Jannar, 2013, esebita minnu bhala "Dok. VB7" a fol. 56 tal-process. F'din I-istess ittra r-rikorrent kien mgharraf ukoll Ii kien intitolat ghall-beneficcji kollha Ii kien intitolat ghalihom taht il-kuntratt precedent (salv jekk ikun trasferit b'tibdil fid-dmirijiet tieghu, Ii ma jirrizultax Ii kien il-kaz).*

*Dan jaqbel sewwa sew ma' dak Ii xehed Dennis Buttigieg in rapprezentanza tad-Direttur intimat, fis-sens Ii meta r-rikorrent kien ri-integrat fil-posizzjoni tieghu, huwa nghata n-nomenklatura Officer in Scale 5, kif jigri f'kazijiet simili u kien assimilat fi skala komparabbli ghas-salarju percepit mir-rikorrent, Ii tigi I-oghla skaluna tal-iskala 5 u skond I-istess rikorrent inghata xoghol relattiv ghall-grad moghti Iilu.*

*Jigi osservat ukoll Ii I-ftehim settorali relattiv ghall-klassi tal-veterinarji iffirmat bejn iI-Gvern u esebit bhala "Dok. VB4" a fol. 17 tal-process, kien iffirmat xahrejn wara u cioe fl-1 ta' Marzu, 2013. Dan ifisser Ii dan il-ftehim qatt ma seta' kien applikabbli fil-konfront tar-rikorrent fil-mument Ii nghata I-ittra tal-hatra fit-3 ta' Jannar, 2013, peress Ii kien ghadu ma giex fis-sehh.*

*Konsegwentement jirrizulta Ii fis-sustanza I-intimati wettqu dak ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru, 2012 fis-shih. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument r-rikorrent inghata t-titlu ta' Official Veterinarian in Scale 5, kif kien jistipula I-kuntratt originali, lanqas dan it-titlu ma jiffigura taht id-definizzjoni ta' ufficjal Ii jappartjeni ghall-*

*impjegati fil-klassi veterinarja, kif kontemplat fl-artikolu 3.2 tal-ftehim esebit bhala "Dok. VB4" jew taht Taqsima III tal-istess ftehim settorali tal-klassi veterinarja u ghalhekk din in-nomenklatura xorta ma kenitx ser taghti lir-rikorrent il-jedd ghall-bidla fin-nomenklatura tal-kariga moghtija lilu hekk kif mitlub fil-proceduri odjerni, peress li dan mhux kontemplat mill-istess ftehim settorali.*

*Dan apparti konsiderazzjoni ohra li kif gie osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tal-10 ta' April, 2015, hekk kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 2016, fl-ismijiet* ***Tabib Dottor Daniel Grixti Soler vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku et****, kien ritenut li fis-sistema legali Maltija:*

> *"ftehim settorali, bhala ftehim industrijali jew kollettiv,* ***ghandu s-sahha ta' Jigi bejn il-partijiet u jorbot iii min jghodd ghalih u jista'jigi ezegwit min-naha jew l-ohra f'kaz ta' nuqqas ta' harsien tieghu****. (enfasi mizjud minn din il-Qorti)".*

*Huwa meqjus li f'dan il-kaz, ghalkemm kif ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha fl-atti tal-Mandat ta' lnibizzjoni 593/2015 esebita bhala "Dok. VB6": "... ftehim kollettiv ighodd ghall-haddiema kollha te azjenda (inkluz is-servizz pubbliku) li jfisser li anke jekk ir-rikorrent mhuwiex membru ta' union dak li kien innegozjat u patwit mill-principal mal-unions li jirrapprezentaw il-maggoranza tal-haddiema jghodd ukoll ghal min ma jkunx membru ta' union. Li kieku jkun xort'ohra, fil-qasam tax-xoghol, hadd ma jkun jaf id-drittijiet u l-obbligi tieghu". Madankollu f'dan il-kaz, il-ftehim tal-klassi tal-veterinarji ma jistax ikun applikat fil-konfront tar-rikorrent peress b'ghazla tieghu stess, iddecieda li jippreferi li jzomm il-kariga ta' Officer in Scale 5 bl-expatriate allowance, milli kif jirrizulta li ghamlu veterinarji ohra barranin li wara sejha pubblika, applikaw sabiex jidhlu fl-istream tal-veterinarji u jitilghu l-gradi kontemplati fl-istess ftehim, sabiex fl-ahhar possibilment jilhqu l-oghla grad kontemplat fl-istess ftehim, inkluz il-beneficcji kontemplati fl-istess ftehim. Bidla fin-nomenklatura minn Officer in Scale 5, jew Official Veterinarian in Scale 5, ghal Principal Veterinary Officer mhix wahda awtomatika, kif jirreklama r-rikorrent, peress li l-istess ftehim settorali dan ma jikkontemplahx.*

*Ghalkemm ir-rikorrent qieghed jghid li mhux qieghed jippretendi xi trattament preferenzjali u li qieghed jesigi li jinghata bi dritt dak mitlub minnu, ma jirrizultax li jista' semplicement jissejjah Principal Veterinary Officer jekk mhux permezz ta' process ta' ghazla u eventwalment hatra minn fost Senior Veterinary Officers, hekk kif kontemplat fl-imsemmi ftehim settorali, altrimenti huwa jkun qieghed tassew jigi vantaggjat a skapitu ta' haddiehor li mexa skond il-parametri tal-istess ftehim. Semplici bidla fil-kariga mhux possibbli jekk mhux kif provdut fil-ftehim tal-klassi veterinarja u li skond l-artikolu 4.2 tal-istess ftehim, huwa suggett ghad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u r-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

*Jibqa' ghaldaqstant rilevanti li jsir ezami tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi: "Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u li jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku." Ghalhekk isegwi l-argument tal-intimati li sabiex l-azzjoni tar-rikorrenti tkun tista' tirnexxi sabiex jottjeni l-grad ta' Principal Veterinary Officer minflok dik ta' Officer in Scale 5 skond il-Kostituzzjoni, trid tigi attakkata d-decizjoni li ttiehdet mill-Prim Ministru a bazi tar-rakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

*Kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza deciza fl-20 ta' Ottubru, 2005 fl-ismijiet* ***Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti flt-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura****, kif konfermata wkoll fil-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju, 2008:*

> *"Fuq kollox, il-materja involuta fil-kawza tittratta materja ta' ordinament kostituzzjonali, li hu ta' ordni pubbliku, u l-Qorli ma tistax tinjora dak li jirrizulta mill-Kostituzzjoni. L-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi b'mod car li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficcjali u li jnehhi persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi kariga bhal dawk, tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSG. Kif intqal mill-Onorabbli Qorli Kostituzzjonali [recte: Prim Awla] fil-kawza "Sultana vs Prim Ministru", deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, f'kaz ta' hatriet fis-servizz pubbliku, it-Prim Ministru hu marbut li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni, u allura fkaz ta' kwistjoni li tolqot l-impieg ta' bniedem fis-servizz pubbliku, id-decizjoni, tit-verite', tehodha l-PSG, u fkaz ta' ilment hija d-decizjoni te' din il-Kummissjoni li hija sindakabbli, u mhux tal-Prim Ministru ....*
>
> *Darba l-PSG hadet dik id-decizjoni, l-kaz kellu jigi argumentat mal-PSG u mhux aktar mal-ufficcjali govemattivi. Jekk, fil-fehma tal-attur, il-PSG hadet decizjoni zbaljata jew giet zgwidata, seta' jilmenta fuq dan mal-PSG ...*
>
> *Jekk attur ghandux jew le kwalifiki biex jinghata kariga fis-servizz pubbliku, trid tara b'mod esklussiv il-PSG. Jekk lill-PSG tinghata informazzjoni zbaljata jew mhux preciza, huwa ghandu jikkontesta dan quddiem ii-PSG u mhux quddiem dawn il-Qrati. Oak li l-attur m'ghamilx quddiem il-PSG, li kien ii-forum adattat li jikkunsidra l-posizzjoni tieghu, ma jistax issa jipprova jaghmlu quddiem dawn il-Qrati ....*
>
> *Il-Qorti tqis li din il-kwistjoni tolqot hatra fis-servizz pubbliku, u l-kaz allura kellu jigi trattat, kif fil-fatt qara, quddiem il-PSG. Mhux impjegat iehor jaghti jew jittermina hatriet mas-servizz pubbliku, izda biss il-PSG, u hija din il-Kumissjoni li ghandha d-dritt u l-obbligu li tevaluwa c-cirkustanzi tal-kaz u taghti d-decizjoni taghha, li fuqha jrid jimxi l-Prim Ministru. u li torbot ukoll lil dawn il-Qrati - salvi dak li inghad qabel dwar review limitat minn dawn il-Qrati. (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti)".*

*Din il-Qorti taqbel ma' dan kollu u ghalhekk taghmel dawn il-principji enuncjati taghha. Hekk ukoll f'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed jittanta li din il-Qorti tissostitwixxi d-decizjoni li ttiehdet mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li jibdel il-kariga tieghu minn Officer in Scale 5 ghal Principal Veterinary Officer, li jimplika hatra gdida skond il-ftehim tal-klassi veterinarja, minghajr ma ccita lill-Kummissjoni kompetenti fil-kawza u kontra dak dispost fil-Kostituzzjoni, haga li zgur ma tistax issir. Isegwi li hawn ukoll din il-Qorti ghandha tilqa' it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati ghar-ragunijiet hawn qabel imsemmija".*

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li bih talab li din il-Qorti jogħġobha:

"*thassar u tirrevoka s-sentenza tat-28 ta' April, 2016 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fejn din laqghet it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati appellata – bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati".*

6. Rat ir-risposta tal-konvenuti li biha jissottomettu:

*"illi l-appell intavolat mill-appelant fil-kawża fl-ismijiet premessi għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2016, għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant".*

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

9. Ikkunsidrat;

10. Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-*Veterinary And Phytosanitary Regulation Department* fi ħdan il-Ministeru Għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima ħareġ sejħa għall-ħatra ta' *Principal Veterinary Officer* fi skala ħamsa. L-attur, li diġa huwa "*Officer in Scale 5*" jippretendi

li huwa għandu jitqies li ġa' għandu dik il-ħatra. L-attur kien ġie impjegat fuq kuntratt definit bħala *Official Veterinarian in Scale 5* u dan sa minn Marzu 2006. Wara ħames snin ta' impjieg il-kuntratt ġie terminat, iżda l-attur ħa l-każ tiegħu għall-quddiem it-Tribunal Industrijali. Huwa rebaħ il-każ quddiem dan it-Tribunal u ġie dikjarat li wara perjodu ta' ħames snin l-impjieg tiegħu sar wieħed indefinit. Din id-deċiżjoni ġiet konfermata minn din il-Qorti, sede inferjuri, fid-29 ta' Novembru, 2012. In segwitu, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni ghas-Servizz Pubbliku (PSC) inħatar bħala *"officer in scale 5".*

11. Sussegwentement, u wara d-deċiżjoni in materja minn din il-Qorti, ġie iffirmat fl-1 ta' Marzu, 2013, ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-Unions li jirrappreżentaw il-ħaddiema li jaħdmu bħala veterinarji u li jassistu lil din il-klassi kif definit fl-istess ftehim li jirregola, fost materji oħra, kif kellhom jingħataw il-promozzjonijiet f'dik il-klassi. Ġie ipprovdut li l-promozzjonijiet isiru "*through an open call for application or through direct recommendation from among public officers in the veterinary medicine class*". L-*istream* tas-servizz veterinarju kien jibda minn skala 9 (*Junior Veterinary Officer*) sa skala 5 (*Principal Veterinary Officer*).

12. Kif ingħad l-attur jippretendi illi huwa għandu jitqies bħala *Principal Veterinary Officer* fi skala 5, pretensjoni li l-ewwel Qorti ċaħdet, peress illi qalet li għalkemm żamm is-salarju abbinat mal-iskala 5, huwa kellu grad

sostantiv ta' uffiċjal veterinarju fi skala 8, u biex jilħaq fi grad ta' prinċipal irid jibda tiela' l-gradi skont il-ftehim kollettiv sa ma jilħaq il-grad ta' *Principal Veterinary Officer*.

13. Kif ingħad l-attur appella mis-sentenza, pero`, fil-verita` ressaq biss l-istess argumenti li ssottometta quddiem l-ewwel Qorti u li ġew minnha trattati u miċħuda. Din il-Qorti issib li l-ewwel Qorti trattat il-materja b'ċerta dettal u tasal biex taqbel mar-raġunament u l-konklużjonijiet tagħha.

14. L-attur kien impjegat bħala uffiċjal veterinarju u skont is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, ikkonfermata minn din il-Qorti, wara t-terminazzjoni tal-impjieg, kellu jiġi "*reinstated into his employment prior to it's termination*". L-attur reġa' ġie mdaħħal fis-servizz bħala uffiċjal veterinarju. Għalkemm, dan huwa grad fi skala 8, huwa żamm is-salarju marbut ma' skala 5. Jidher mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Ottubru, 2019, li l-attur issa qiegħed fi skala sostantiva 6.

15. Huwa normali fis-servizz pubbliku li wieħed ikollu grad sostantiv wieħed imma salarju marbut ma' grad ieħor. Fil-fatt, fil-*Public Service Management Code* insibu dan l-eżempju:

> *"<u>Scenario 3- Appointment to another grade through an internal call</u>*
> *Example: A public officer qualifies for appointment to another grade:*

> *a) If the officer already has a confirmed appointment in an equivalent or higher grade/position, s/he will retain her confirmed appointment in an equivalent/ higher grade/ position and be concurrently appointed notionally in the grade;*
>
> *b) Otherwise, the officer must choose between the current and the new appointment.*
>
> *If an officer holds a position, even if confirmed, that is lower than a grade applied for, the grade cannot be taken on a notional basis in order to continue in the lower position. The officer must choose between retaining the position or the appointment in the grade."*

16. Dan joħroġ wkoll mix-xhieda ta' Dennis Buttigieg, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru konvenut. Dan ikkonferma li huwa possibbli li jkollok grad sostantiv ta' *veterinary officer* fi skala 8 u fl-istess waqt ikun *officer in scale 5* kontemporanjament.

17. F'dan il-każ, skont il-ftehim kollettiv li jorbot lill-ħaddiema kollha fis-settur, il-grad ta' uffiċjal veterinarju tpoġġa fi skala 8, u biex ħaddiem jilħaq *Principal Veterinary Officer* irid isegwi l-*istream* wara li ssir sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-fatt, jidher li l-attur qed isegwi din l-*istream* għax issa għandu impjieg sostantiv fi skala 6.

18. F'din il-kawża l-attur jippretendi li jaqbeż lill-sħabu u jilħaq prinċipal mill-ewwel u mhux isegwi l-*istream* kif inħolqot fil-ftehim kollettiv. Kif, pero`, reġa' xehed Dennis Buttiġieg:

> " *the designation of Principal Veterinary Officer is a grade which comes out of the class agreement of the veterinary stream, so the only way to*

> *obtain the nomenclature of PVO, Principal Veterinary Officer, has to take place as set out in the same agreement. The agreement states that for an officer to be appointed PVO there has to be a selection from amongst officers in the grade of SVO, Senior Veterinary Officers, so the only way to that grade and into the veterinary stream is as provided for in the class agreement."*

Il-ftehim kollettiv jorbot lill-klassi ta' ħaddiema li għalih jirreferi, u jekk dan il-ftehim jirregola proċedura ta' kif iseħħu l-promozzjonijiet, dik il-proċedura trid tiġi segwita. Bidla fin-nomenklatura minn *Officer in grade 5* għal *Principal Veterinary Officer* mhix waħda awtomatika kif jippretendi l-attur; wara kollox dan mhux ikkontemplat mill-ftehim settorali. Bidla fil-kariga (grad) huwa regolat bl-istess ftehim settorali.

19. Għall-bqija, speċjalment għall-posiżżjoni tal-PSC fil-każ, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-ewwel Qorti li, kif ingħad, eżaminat fid-dettall iċ-ċirkostanzi kollha in materja.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Dr. Vito Domenico Benvenga billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da